

Rapport ta' progress 2013 dwar il-Bosnja-Ħerzegovina

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2014 dwar ir-Rapport ta' progress 2013 dwar il-Bosnja-Ħerzegovina (2013/2884(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda u l-Bosnja-Ħerzegovina min-naħa l-oħra, iffirmit fis-16 ta' Ġunju 2008 u rratifikat mill-Istati Membri kollha tal-UE u mill-Bosnja-Ħerzegovina,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 dwar il-Balkani tal-Punent u l-anness tagħhom bit-titolu "L-Aġenda ta' Thessaloniki għall-Balkani tal-Punent: nimxu lejn l-integrazzjoni Ewropea",
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja u Ħerzegovina tal-11 ta' Diċembru 2012 u tal-21 ta' Ottubru 2013,
 - wara li kkunsidra l-Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-16 ta' Ottubru 2013 bit-titolu 'Strateġija tat-Tkabbir u Sfidi Ewlenin 2013-2014' (COM(2013)0700), akkumpanjat mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2013)415 tas-16 ta' Ottubru 2013 bit-titolu Bosnja u Ħerzegovina: Rapport ta' Progress 2013' (SWD(2013)0415),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari dawk tat-23 ta' Mejju 2013 dwar ir-Rapport ta' Progress 2012 dwar il-Bosnja-Ħerzegovina¹ u tat-22 ta' Novembru 2012 dwar it-Tkabbir: politiki, kriterji u interessi strateġiċi tal-UE²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-UE tibqa' impenjata b'mod sħiħ favur BiĦ sovrana u magħquda u favur il-prospetti tas-sħubija tal-pajjiż;
- B. billi ntweraw li l-istruttura istituzzjonali kumplessa u ineffiċjenti li tirriżulta mill-Anness 4 tal-Ftehim ta' Dayton, flimkien man-nuqqas ta' azzjoni tal-mexxejja politiċi tal-BiĦ u l-inabbiltà tagħhom li jilhqg kompromess kompli jħalli impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-pajjiż li jagħmel progress lejn l-UE u li jtejjeb il-ħajja taċ-ċittadini; billi hi meħtieġa b'mod urġenti riforma kostituzzjonali lejn stat demokratiku li jiffunzjona sew u inklużiv;
- C. billi l-prospett ta' sħubija mal-UE ġie offrut lill-Bosnja u Ħerzegovina bħala pajjiż uniku;
- D. billi dinamika ġdida u rispett lejn iċ-ċittadini u l-obbligi internazzjonali huma meħtieġa sabiex jiġi evitat staġnar fit-tnejn għan-negozjati tal-elezzjonijiet ġenerali ta' Ottubru 2014;

¹ Testi adottati, P7_TA(2013)0225.

² Testi adottati, P7_TA(2012)0453.

- E. billi l-korruzzjoni mifruxa, il-livell ferm għoli ta' qgħad u n-nuqqas ta' prospetti futuri għaċ-ċittadini tal-BiH għadhom serjament ixekklu l-iżviluppi soċjoekonomiċi u politiċi fil-pajjiż;
- F. billi l-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn fir-reġjun fi spirtu ta' relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien hija prerekwiżit għal-koeżistenza paċifika u r-rikonċiljazzjoni fil-BiH u fix-Xlokk tar-reġjun;

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Jinsab ferm imħasseb minħabba n-nuqqas kontinwu ta' viżjoni komuni murija mill-mexxejja politiċi tat-tliet komunitajiet etniċi tal-pajjiż; iħeġġeġ lill-gruppi politiċi fil-livelli kollha tas-setgħa fil-pajjiż biex jikkooperaw u jiddjalogaw aktar sabiex jegħlbu t-tilwim eżistenti bl-għan li jintlaħaq progress dwar il-linja ta' riforma u jitjiebu l-ħajjiet taċ-ċittadini tal-BiH; jistieden lis-soċjetà ċivili tipparteċipa aktar fl-isforzi għar-riforma fil-pajjiż;
2. Jilqa' l-ftehim ta' sitt punti milħuq fi Brussell fl-1 ta' Ottubru 2013 iżda jiddeplora t-tfixkil tal-forzi ċentralisti fl-implimentazzjoni tiegħu; jenfasizza l-importanza li jiġu segwiti l-prinċipji ta' federaliżmu u ta' rappreżentanza leġittima sabiex tiġi żgurata l-prospettiva tal-BiH;
3. Jitlob li tinbidel ir-retorika nazzjonalista u etnocentrika tat-tmexxija tat-tliet popli kostituttivi fil-BiH; jikkundanna kull tip ta' segregazzjoni u diskriminazzjoni fuq bażi reliġjuża jew etnika fil-pajjiż;
4. Iħeġġeġ lill-mexxejja politiċi jiffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali tad-Djalogu ta' Livell Għoli biex b'hekk ikun possibbli li jintlaħqu r-rekwiżiti li jippermettu li l-FSA tidħol fis-seħħ;
5. Iħeġġeġ lill-gvernijiet u lill-awtoritajiet kompetenti jsaħħu l-effiċjenza u l-funzjonalità tal-istituzzjonijiet tal-pajjiż u jistabbilixxu mekkaniżmu ta' koordinament tal-UE effikaċi li jiżgura t-traspożizzjoni u l-infurzar armonizzat tal-acquis tal-UE mal-pajjiż kollu fl-interess tal-prospertà ġenerali taċ-ċittadini tiegħu; f'dan il-kuntest, jistedinhom jiżguraw li jkun koerenti meta jitkellmu fil-livell tal-istat; jenfasizza l-fatt li, mingħajr tali mekkaniżmu, il-proċess ta' adeżjoni mal-UE se jibqa' wieqaf; jistieden lill-partiti politiċi kollha jaħdmu biex itejbu d-djalogu politiku u jsaħħu l-kultura politika;
6. Ifakkar lill-Kummissjoni li t-tkabbir tal-UE jmur lil hinn minn sempliċi trasferiment tal-acquis tal-UE u għandu jkun ibbażat fuq impenn reali u komprensiv favur il-valuri Ewropej; jitlob li jkompli l-impenn tal-UE mal-mexxejja tal-BiH u jitfassal approċċ għdid tal-UE lejn il-BiH, fid-dawl tal-progress kajman lejn stat ta' kandidat tal-UE meta mqabbel mal-progress li qed isir mill-pajjiżi l-oħra fir-reġjun; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali, lill-Kunsill Ewropew, u lill-Istati Membri b'mod partikolari, isaħħu l-isforzi ħalli jitħeġġeġ il-kunsens fost il-mexxejja politiċi tal-BiH sabiex isir progress lejn riforma kostituzzjonali u lejn riformi oħra relatati mal-UE; jistieden lill-Viċi President / Rappreżentant Għoli u lill-Kummissarju dwar it-Tkabbir li jmiss biex iżommu lill-BiH bħala prijorità ċentrali wara l-ħatra tal-Kummissjoni li jmiss fl-2014; jirrimarka, f'dan ir-rigward, ir-rwol importanti u l-impenn tad-Delegazzjoni tal-UE u tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE fil-Bosnja u Herzegovina;

7. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ aktar l-isforzi li jiffaċilitaw ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni Sejdić-Finci li tiggarantixxi drittijiet indaqs għall-popli u ċ-ċittadini kostituttivi kollha u biex tkun strumentali fl-implimentazzjoni tal-obiettivi tal-aġenda tal-UE inkluż sistema funzjonali ta' governanza tajba, żvilupp demokratiku u prosperità ekonomika u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;
8. Jitlob lill-Kaprijiet ta' Stat u tal-Gvern tal-UE u lill-Ministri tal-Affarijiet Barranin isaħħu l-impenn personali tagħhom lejn il-pajjiż;
9. Jistieden lill-awtoritajiet jissodisfaw l-obiettivi u l-kundizzjonijiet pendenti għall-għeluq tal-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli, sabiex jippermettu aktar sjieda u responsabbiltà lokali; jenfasizza l-fatt li x-xoljiment tal-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli għandu jitqies biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha;
10. Jinsab imħasseb ferm minħabba li perjodu ta' nuqqas ta' qbil ta' erba' snin bejn il-mexxejja politiċi wassal lill-Kunsill tal-Ewropa biex inizjalment jikkunsidra s-sospensjoni tad-dritt ta' rappreżentazzjoni tal-pajjiż f'din l-organizzazzjoni jekk l-ebda progress sostanzjali ma jsir fl-implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) qabel l-elezzjonijiet; jenfasizza li se jitqajmu dubji dwar il-leġittimità tal-elezzjonijiet tal-2014 għall-Presidenza u l-Kamra tal-Popli tal-BiH jekk is-sentenza tal-QEDB ma tiġix implimentata;
11. Itenni li r-riforma kostituzzjonali tibqa' kruċjali għat-trasformazzjoni tal-BiH fi Stat effikaċi u funzjonali għalkollox; iħeġġeġ lill-Federazzjoni tqis proposti konkreti f'dan ir-rigward, inkluż il-fużjoni ta' uħud mill-kantoni u t-tqassim mill-ġdid tal-kompetenzi, sabiex tiġi simplifikata l-istruttura istituzzjonali kumplessa, tiġi żgurata rappreżentazzjoni aktar bilanċjata tal-popli u ċ-ċittadini kostituttivi, tiġi eliminata d-diskriminazzjoni etnika u l-istat isir aktar funzjonali, b'inqas spejjeż u aktar responsabbli lejn iċ-ċittadini tiegħu; jistieden lill-partiti politiċi kollha jieħdu sehem f'dan il-proċess b'mod kostruttiv u miftuħ u biex jagħmlu użu mill-parir u l-gwida li l-Kummissjoni ta' Venezja tista' tipprovdi matul dan il-proċess; jilqa' u jappoġġa l-isforzi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jinfluenzaw il-proċess ta' riforma kostituzzjonali;
12. Jilqa' t-tmexxija mingħajr tfixkil u l-finalizzazzjoni tal-fażi ta' enumerazzjoni tal-ewwel ċensiment tal-popolazzjoni u d-djar sa mill-1991; jistieden lill-awtoritajiet responsabbli jiżguraw li ċ-ċensiment jibqa' eżerċizzju statistiku u li jikkonforma mal-istandards internazzjonali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti kollha biex ma jippoliticizzawx ċensiment li l-għan tiegħu huwa li jipprovdi dejta soċjoekonomika oġġettiva;
13. Jinsab serjament imħasseb li tilwim dwar id-distribuzzjoni tal-kompetenzi qiegħed ifixkel l-assistenza finanzjarja tal-UE; jiddispaċiħ, imma jappoġġa b'mod sħiħ, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkanċella proġetti taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni-I (IPA I); jinsab imħasseb li nuqqas ta' azzjoni jista' jkollu implikazzjonijiet dwar l-allokazzjoni ta' miljuni ta' euro mill-fondi tal-UE għall-iżvilupp politiku u soċjoekonomiku fl-ambitu tal-IPA-II;

Kriterji politiċi

14. Jinsab imħasseb li l-attivitajiet leġislattivi komplew jiġu mxekkla minn teħid ta' pożizzjonijiet politiċi; jitlob aktar responsabbiltà politika min-naħa tal-mexxejja politiċi lejn il-poplu tal-Bosnja u Herzegovina;

15. Jistieden lill-partiti politiċi kollha rappreżentati fl-Assemblea Parlamentari tal-BiĦ jadottaw b'mod urġenti t-tibdil meħtieġ fil-liġi elettorali sabiex ikunu jistgħu jinżammu l-elezzjonijiet elettorali ta' Ottubru 2014; itenni li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali tal-BiĦ huma finali u vinkolanti u għaldaqstant għandhom jiġu implimentati;
16. Jinsab serjament imħasseb dwar l-ineffċjenza tas-sistema ġudizzjarja u l-inabbiltà dejjem tikber fl-implimentar tas-sentenzi tal-qrati; iħeġġeġ sabiex l-attakki politiċi fuq il-ġudikatura jkunu evitati u li l-kwistjoni dwar il-frammentazzjoni tar-responsabbiltajiet baġitarji fil-ġudikatura jkunu indirizzati;
17. Ifaħħar id-Djalogu Strutturat dwar il-Ġustizzja, li wassal għal riżultati konkreti, b'għadd ta' rakkomandazzjonijiet jkunu implimentati; jilqa' l-progress li sar fit-tnaqqis tal-kawżi pendenti fil-qorti; itenni, bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tad-Djalogu Strutturat, is-sejħa biex jitwettqu riformi strutturali u istituzzjonali tas-sistema ġudizzjarja, filwaqt li jiġu indirizzati, fost l-oħrajn, il-kwistjonijiet relatati mal-armonizzazzjoni tal-erba' sistemi legali differenti fil-BiĦ, inklużi r-rakkomandazzjonijiet li hemm fl-opinjoni rilevanti tal-Kummissjoni ta' Venezja;
18. Jinsab sodisfatt li l-każijiet pendenti ta' delitti tal-gwerra tnaqqsu wkoll u li tjiebet il-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' delitti tal-gwerra li jinvolvu vjolenza sesswali; jilqa' l-ħatra ta' 13-il prosekutur ġdid fl-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni tal-Istat li se jittrattaw prinċipalment il-prosekuzzjoni ta' delitti tal-gwerra; jitlob biex jissaħħu l-isforzi rigward l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati, inkluż livell adegwat ta' protezzjoni tax-xhieda, l-adozzjoni ta' programm fil-livell tal-istat biex jitjieb l-istatus tal-vittmi, inklużi superstiti ta' vjolenza sesswali u ta' tortura minn reati tal-gwerra, u miżuri li jsaħħu r-riżorsi rilevanti fil-livelli kollha;
19. Jieħu nota tas-sentenza “Maktouf u Damjanović vs. il-Bosnja u Ħerzegovina” tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-implikazzjonijiet tagħha li wasslu għal tibdil tal-ġurisprudenza fir-rigward ta' appelli pendenti oħra quddiem il-Qorti Kostituzzjonali tal-BiĦ, inkluż dwar akkużi ta' ġenoċidju, bil-konsegwenza li għaxar konvenuti kkundannati għal perjodu twil ta' ħabs ġew mehluša; itenni li l-ġustizzja għal reati tal-gwerra hi kwistjoni kruċjali għall-vittmi u l-familji tagħhom, u li għalhekk għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa qabel ma jseħħ ħelsien ta' dan it-tip; jenfasizza l-importanza tal-fatt li l-awtoritajiet domestiċi ħadu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw, fejn meħtieġ, id-detenzjoni kontinwa ta' dawk ikkundannati preċedentement u li qed jistennew li l-każ tagħhom jerġa' jkun eżaminat, sakemm id-detenzjoni tagħhom tkun kompatibbli mas-sentenzi tal-QEDB, u miżuri ta' sigurtà oħra;
20. Jinsab imħasseb dwar is-sostenibbiltà tal-amministrazzjoni pubblika, il-frammentazzjoni u l-politiċizzazzjoni tagħha u n-nuqqas ta' rieda politika għar-riforma tagħha; jilqa' l-fatt li sar xi titjib fil-koordinazzjoni intragovernattiva dwar l-armonizzazzjoni ġuridika mal-istandards tal-UE imma jibqa' mħasseb dwar l-impatt possibbli tad-distribuzzjoni u l-allokkazzjoni tal-kompetenzi komplessi tal-forniment tas-servizzi pubbliċi; jinsab imħasseb li l-faċilitajiet għall-ittestjar fitosanitarju meħtieġa għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli lejn l-UE ma ġewx żviluppatti biżżejjed; iħeġġeġ lill-gvern jappoġġja l-istabbiliment ta' Ministeru tal-Agricoltura fil-livell tal-Istat;
21. Jilqa' l-fatt li l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili qed jitjieb, imma jitlob għall-mekkaniżmu istituzzjonali biex tkun stabbilita kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-istat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell tal-istat u biex issir operattiva fil-livell tal-

istat malajr kemm jista' jkun; jitlob ukoll biex jissaħħa l-involviment tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' adegżjoni tal-UE b'mod regolari u strutturat; jinkoraġġixxi żieda fil-kooperazzjoni u s-sinerġija fost l-NGOs;

22. Jenfasizza l-fatt li l-BiH rratifikat il-konvenzjonijiet ewlenin dwar id-drittijiet tax-xogħol tal-ILO; jiddispjaċih li d-drittijiet tax-xogħol u trejdjunjinistiki għadhom limitati u jistieden lill-gvern jiggwarantixxi dawn id-drittijiet;
23. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-preżenza għolja ta' korruzzjoni fil-livelli kollha tal-ħajja pubblika u l-konnessjonijiet komplessi bejn l-atturi politiċi, in-negozju u l-midja; jitlob biex tissaħħa l-implimentazzjoni tal-istrategġija kontra l-korruzzjoni u biex jittieħdu passi li jsahha l-investigazzjoni effettiva, il-prosekuzzjoni u l-kundanna ta' każijiet ta' korruzzjoni;
24. Jilqa' l-intenzjoni tal-Gvern tal-Federazzjoni li jressaq fil-proċedura parlamentari l-grupp ta' liġijiet imfassla biex jiġġieldu kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata; jenfasizza l-importanza li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni ssir prijorità assoluta, u jitlob għal proċess ta' konsultazzjoni inklużiv mal-partijiet interessati kollha u mal-istituzzjonijiet ikkonċernati sabiex tiġi aġġornata l-proposta leġiżlattiva f'konformità sħiħa mal-acquis tal-UE u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mid-Djalogu Strutturat dwar il-Ġustizzja; jilqa' f'dan ir-rispett l-appoġġ tekniku tad-Delegazzjoni tal-UE fil-BiH;
25. Jinsab imħasseb li l-kriminalità organizzata, il-ħasil tal-flus u t-traffikar tal-persuni, tad-drogi u tal-oġġetti għadhom iseħħu fl-assenza ta' istituzzjonijiet effikaċi; ifaħħar il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi ġirien u jilqa', f'dan ir-rigward, il-ftehim bejn il-BiH, il-Montenegro u s-Serbja dwar it-twaqqif ta' ċentru ta' koordinazzjoni konġunt sabiex tissaħħa il-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali; jitlob titjib strutturali f'kooperazzjoni bejn il-kontrolli tal-fruntieri, il-pulizija u l-prosekuzzjoni, u li jkun garantit segwitu ġudizzjarju aktar effikaċi; jitlob għal tisħiħ fil-ġbir sistematiku, fl-analiżi u fl-użu tal-intelligence mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi; jistenna żviluppi pożittivi bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar il-Programm ta' Protezzjoni tax-Xhieda adottata reċentement, li l-armonizzazzjoni teknika tagħha għadha pendenti;
26. Jinsab imħasseb li l-BiH għadha pajjiż ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni għat-traffikar tan-nisa; jilqa' l-adozzjoni ta' strategġija u pjan ta' azzjoni ġodda dwar it-traffikar tal-bnedmin għall-2013-2015; jenfasizza li jeħtieġ ġiġi stabbilit approċċ komprensiv, multidixxiplinari u orjentat lejn il-vittmi u li tittejjeb l-identifikazzjoni tal-vittmi;
27. Jinsab imħasseb li sar biss progress limitat fir-rigward tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi minkejja l-fatt li hemm stabbiliti dispożizzjonijiet legali; jitlob implimentazzjoni sħiħa tal-liġijiet u l-politiki rilevanti, inkluż fil-kuntest tal-liġi elettorali qabel l-elezzjonijiet ġenerali li jmiss fl-2014, kif ukoll biex jittieħdu passi konkreti sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol u fl-attività politika;
28. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti jipproteġu u jippromovu attivament id-drittijiet tal-minoritajiet u tal-gruppi vulnerabbli, jimplimentaw liġijiet u politiki kontra d-diskriminazzjoni, u jiżviluppaw strategġija kontra d-diskriminazzjoni fl-istat kollu; jinsisti li l-partiti politiċi u s-soċjetà ċivili jikkundannaw id-diskriminazzjoni u jippromovu soċjetà inklużiva u toleranti; jinsab imħasseb dwar diskorsi ta' mibegħda, theddid, fastidju u diskriminazzjoni, partikolarment lejn il-komunità ta' lezbiani, gay, bisesswali, transgender/transsesswali u intersesswali (LGBTI); jinsab ferm maħsud bl-attakk brutali

fuq parteċipanti fil-Festival tal-Film Merlinka f'Sarajevo fl-1 ta' Frar 2014; jistieden l-awtoritajiet, f'dan ir-rigward, jinvestigaw b'mod sħiħ l-attakk u jiżguraw li fil-futur avvenimenti bħal dawn jingħataw il-protezzjoni xierqa mill-pulizija; jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE, lill-awtoritajiet tal-BiH u lill-partiti politiċi jappoġġaw b'mod miftuħ il-vittimi ta' dan l-attakk u biex jikkundannaw tali azzjonijiet;

29. Jitlob biex isiru sforzi li jiggarantixxu u jippromovu l-pluraliżmu fil-midja; jinsab imħasseb dwar il-persjoni politika u finanzjarja li qed tiżdid fuq il-midja u t-theddid kontra l-ġurnalisti; jenfasizza li ambjent tal-midja trasparenti u ħieles huwa essenzjali għall-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni; jitlob biex jittieħdu azzjonijiet ħalli jiġi pprovdut ambjent tax-xogħol sikur għall-ġurnalisti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jiżguraw l-indipendenza politika, istituzzjonali u finanzjarja tax-xandara tas-servizz pubbliku skont il-liġi rilevanti, u biex jikkompletaw il-bidla diġitali; jitlob aktar sforzi li jiżguraw li l-informazzjoni tingħata fil-lingwi uffiċjali kollha u jkunu garantiti drittijiet ugwali għall-popli kostituttivi kollha fix-xandir tas-servizz pubbliku;
30. Jitlob lill-awtoritajiet jallokaw biżżejjed riżorsi għall-edukazzjoni bikrija fit-tfulija, jipprovdu servizzi lill-familji ta' tfal b'diżabilitajiet u jindirizzaw il-vjolenza kontra t-tfal;
31. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet fil-livelli kollha tal-BiH biex b'mod deċiżiv jagħmlu progress fir-riforma edukattiva bl-għan li jitjiebu l-istandards edukattivi, tiġi promossa sistema edukattiva inklużiva u mhux diskriminatorja u tintemm is-segregazzjoni etnika fis-settur edukattiv (żewġ skejjel taħt l-istess saqaf); jistiedinhom jappoġġaw it-taħriġ tal-għalliema bl-għan li dawn ikollhom il-ħiliet addizzjonali dwar kif iħeġġu taħlit interetniku tal-istudenti, u biex tingħata għajnuna fi programmi tal-bini tal-kapaċità fuq terminu twil; jinkoraġġixxi l-midja tal-BiH tippromwovi edukazzjoni integrata; iħeġġeġ lill-Konferenza tal-Ministri tal-Edukazzjoni toħloq qafas leġiżlattiv aktar koerenti fil-qasam tal-edukazzjoni fil-BiH, inkluż konverġenza akbar tal-curricula u tal-istandards bħala pass meħtieġ għall-bini ta' komunitajiet etniċi eqreb lejn xulxin; jiddeplora l-fatt li ma kien hemm ebda aġenzija tal-BiH tipparteċipa f'xi wieħed mill-Programmi ta' Tagħlim Tul il-Ħajja tal-UE; iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu tali aġenzija, li tista' tippermetti lill-pajjiż jipparteċipa fil-Programm Erasmus+ ta' segwitu;
32. Jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw l-ugwaljanza fl-aċċess għat-tfal tar-Rom għas-servizzi tal-edukazzjoni, jikkollaboraw mal-NGOs rilevanti sabiex iħeġġu lill-familji tar-Rom jappoġġaw l-aċċess għall-edukazzjoni tat-tfal tagħhom u jippromwovu l-inklużjoni effettiva tat-tfal tar-Rom fl-edukazzjoni fost l-oħrajn permezz ta' programmi ta' thejjiija għall-iskola;
33. Jilqa' d-deċiżjoni tal-ministeru tal-Federazzjoni rilevanti li jieħu r-responsabbiltà temporanja għall-iffinanzjar tal-istituzzjonijiet kulturali bħal-Librerija Nazzjonali u l-Mużew tal-Istorja; jistieden lill-awtoritajiet tal-BiH jiżguraw li jsiru sforzi biex jiġi solvut b'mod urġenti l-istatus tas-seba' istituzzjonijiet kulturali nazzjonali – il-Mużew Nazzjonali, il-Gallerija tal-Arti, il-Mużew tal-Istorja, il-Mużew tal-Letteratura u t-Teatru, l-Arkivju tal-Films, il-Librerija Nazzjonali u l-Librerija għall-Persuni Għomja – sabiex dawn ikollhom status legali u finanzjarju xieraq; jitlob soluzzjoni fit-tul għall-finanzjament ta' dawn l-istituzzjonijiet;
34. Jitlob għal tisħiħ tal-koordinazzjoni fil-livell lokali, biex jiżdid id-djalogu fost id-donaturi, il-partijiet interessati u l-awtoritajiet lokali, kif ukoll tingħata attenzjoni partikolari fuq miżuri sostenibbli għall-persuni rimpatrijati; jitlob biex isiru sforzi li

jiżguraw ir-ritorn tar-rifuġjati u tal-persuni spustati internament fiż-żoni affettwati kollha; jistieden lill-pajjiż jindirizza l-kwistjoni umanitarja mhux solvuta ta' 7 886 każ ta' persuni li għadhom irrappurtati nieqsa wara l-gwerra u jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Istitut għall-Persuni Neqsin;

35. Juri rispettt lejn aktar minn 430 raġel, mara u tfal li nqatlu matul il-gwerra u li l-iġsma tagħhom instabu f'Settembru 2013 fil-qabar tal-massa f'Tomasica, ħdejn Prijedor fir-Repubblika Srpska, u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tagħhom; jitlob investigazzjoni sħiħa u komprensiva ta' dawn l-atroċitajiet; jappella biex dawg kollha li għandhom informazzjoni dwar siti mhux skoperti ta' oqbra tal-massa jgħarrfu lill-awtoritajiet bl-istess mod kif sar fil-każ tal-qabar ta' Tomasica;

Kwistjonijiet soċjoekonomiċi

36. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti jsaħħu l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika domestika bl-għan li jkun jista' jseħħ tkabbir ekonomiku, jiġu mnedija aktar riformi strutturali, tiġi sostnuta d-dixxiplina fiskali u titjeb il-prestazzjoni tal-introjt; jistedinhom, barra minn hekk, itejbu l-għamla u l-effiċjenza tal-infiq pubbliku u ta' settur pubbliku kbir u ineffiċjenti, b'għadd kbir ta' kompetenzi rduppjati, u biex jissalvagwardaw l-istabbiltà tas-settur finanzjarju billi jsaħħu l-qafas leġislativ u regolatorju; jinsab imħasseb bl-infurzar dgħajef tal-liġi u tal-miżuri kontra l-korruzzjoni, li jxekklu l-ambjent ekonomiku, jiskoraġġixxu l-investimenti barrani u jikkontribbwixxu għal settur informali kbir; itenni l-ħtieġa li tiġi stabbilita żona ekonomika unika u li jinbeda mill-ġdid u jkun aċċellerat il-proċess ta' privatizzazzjoni sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni fiskali u tiżdied il-kompetizzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet isaħħu l-protezzjoni tal-ambjent skont l-istandards tal-UE;
37. Jinsab imħasseb dwar l-ineffiċjenza tal-arranġamenti tal-protezzjoni soċjali tal-pajjiż minkejja livell għoli ta' nefqa pubblika; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu armonizzati u rriformati s-sistemi ta' protezzjoni soċjali frammentati sabiex jiġi pprovdut trattament indaqs għaċ-ċittadini kollha, inklużi l-persuni b' diżabilità; iħeġġeġ lill-gvernijiet itejbu l-ambjent tan-negozju u jimplimentaw riformi tas-suq tax-xogħol sabiex jindirizzaw il-qgħad għoli ħafna li jhedded l-istabbiltà makroekonomika permezz ta' miżuri ekonomiċi konkreti; jitlob għal aktar miżuri li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' ħafna żgħażaġh qiegħda fis-suq tax-xogħol tal-pajjiż;

Kooperazzjoni reġjonali

38. Ifaħħar lill-BiH għar-rwol kostruttiv tagħha fil-kooperazzjoni reġjonali u jistieden lill-pajjiż jaħdem aktar għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet pendenti dwar il-fruntieri u l-proprjetà mal-pajjiżi ġirien tiegħu; iħeġġeġ żvilupp akbar fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi oħra involuti fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea;
39. Jilqa' bis-sħiħ l-impenn tal-BiH u tas-Serbja biex itejbu r-relazzjonijiet bilaterali, inkluż l-iffirmar tal-ftehimiet ta' estradizzjoni u ta' riammissjoni kif ukoll ta' protokoll dwar il-kooperazzjoni fil-prosekuzzjoni ta' dawg responsabbli ta' delitti tal-gwerra, reati kontra l-umanità u ġenoċidju; jilqa' l-ftehimiet bilaterali dwar il-fruntiera mal-Kroazja; jistieden lill-BiH tkompli tikkoopera mal-Kummissjoni dwar l-adattament tal-Ftehim Interim/Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni b' mod speċjali f' termini ta' kummerċ transkonfinali sabiex jiġi żgurat li jkomplu jseħħu l-flussi kummerċjali tradizzjonali bejn l-Istati Membri tal-UE u l-imsieħba tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles

tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA); iħeġġeġ lill-BiH taċċetta dokumenti ta' vjaġġar taċ-
ċittadini tal-Kosovo li jippermettullhom jidħlu fil-pajjiż;

40. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għar-reġim ta' liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent bħala pilastru importanti tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea tagħhom; jistieden lill-Istati Membri tal-UE jqassru l-proċeduri ta' asil għaċ-ċittadini tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li jibbenefikaw minn vjaġġar mingħajr viża fiż-żona Schengen bħala mezz effettiv għat-tnaqqis tal-għadd ta' applikazzjonijiet għal asil mhux ġustifikati, filwaqt li l-applikanti jibqgħu jingħataw id-dritt li jressqu l-każ tagħhom bi proċedura sħiħa; jilqa', barra minn hekk, l-intenzjoni tal-gvern ta' koalizzjoni l-ġdid fil-Ġermanja, kif espressa fil-ftehim ta' koalizzjoni b'referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu dwar l-asil, li l-Bosnja u Herzegovina jkunu dikjarata bħala "pajjiż tal-orijini sikur" sabiex ikunu permessi proċeduri aktar mgħaġġla biex jiġu ttrattati dawk l-applikazzjonijiet;

o

o o

41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Presidenza tal-Bosnja-Herzegovina, lill-Kunsill tal-Ministri tal-Bosnja-Herzegovina, lill-Assemblea Parlamentari tal-Bosnja-Herzegovina u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Federazzjoni tal-Bosnja-Herzegovina u r-Repubblika Srpska.